MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2025

Appell Inferjuri Numru 61/2024 LM

**Prof. Alfred J. Vella (K.I. nru. 919150M)**
**bħala Rettur in rappreżentanza tal-Università ta' Malta**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Ana Maria Obando Castellanos (K.I. nru. 274872A)**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Prof. Alfred J. Vella (K.I. nru. 919150M) bħala Rettur in rappreżentanza tal-Università ta' Malta** [minn issa 'l quddiem 'l-intimat nomine sekwestrant' jew 'l-appellant'] mid-digriet mogħti fit-8 ta' Lulju, 2024, [minn issa 'l quddiem 'id-digriet appellat'] mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'] fl-ismijiet fuq

premessi, li ddeċidiet t-talbiet tal-intimat nomine sekwestrant kontra r-rikorrenti sekwestrata **Ana Maria Obando Castellanos (K.I. nru. 274872A)** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrenti sekwestrata' jew 'l-appellata'], kif ġej:

> *"Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiddisponi minn dan ir-rikors billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti sekwestrata u tikkundanna lill-intimat nomine sekwestrant iħallasha penali fl-ammont ta' elf u mitejn euro (€1,200) ai termini tal-Art. 836(8)(a) tal-Kap. 12 bl-ispejjeż kontra l-istess intimat."*

**<u>Fatti</u>**

2. Dan il-każ jikkonċerna t-talba li saret mir-rikorrenti sekwestrata *ai termini* tal-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li din spjegat li l-intimat *nomine* sekwestrant naqas milli jiddeduċi l-pretensjonijiet tiegħu kif kawtelati bil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju (numru 402/2023) b'kawża entro t-terminu stabbilit bil-liġi.

**<u>Mertu</u>**

3. Fir-rikors tagħha r-rikorrenti sekwestrata spjegat li fid-9 ta' Frar, 2023, l-intimat *nomine* sekwestrant bħala Rettur u in rappreżentanza tal-Università ta' Malta, talab u kiseb il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra tagħha, fost l-oħrajn sabiex jikkawtela kreditu dedott minnu fl-ammont ta' elf, seba' mija u ħamsin euro (€1,750) deskritt minnu bħala '*ammont dovut in rifużjoni ta' somma mħallsa b'mod addizzjonali u erronju',* liema talba ġiet dedotta kontestwalment permezz ta' ittra uffiċjali maħruġa taħt l-artikolu 166A tal-Kap. 12. Ir-rikorrenti sekwestrata qalet li din l-ittra uffiċjali ma ġietx

notifikata lilha, u wara li sar il-ħlas għal tentattiv ieħor ta' notifika tal-istess ittra uffiċjali fid-9 ta' Marzu, 2023 skont l-artikolu 166A tal-Kap. 12, l-atti tal-istess ittra uffiċjali u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ġew abbandunati mill-intimat *nomine*, u tħallew pendenti. Ir-rikorrenti qalet li dan sar sabiex jiġu arrekati ħsara u preġudizzju lilha. Żiedet tgħid li sat-terminu perentorju preskritt mil-liġi sabiex titressaq kawża dwar il-mertu tal-allegat '*ammont dovut in rifużjoni ta' somma mħallsa b'mod addizzjonali u erronju*', l-intimat *nomine* ma ressaq l-ebda kawża kontra tagħha dwar il-mertu abbażi tal-kawżali kif dedotta fil-mandat kawtelatorju, u għalhekk il-mandat ma kellux jibqa' fis-seħħ. Ir-rikorrenti sekwestrata qalet li *ai termini* tal-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, il-Qorti tista' tikkundanna lil min ikun talab il-ħruġ ta' mandat bħal dak u ma jsegwihx bil-kawża relattiva fuq il-mertu, għall-ħlas ta' penali ta' mhux anqas minn elf, mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69), u mhux aktar minn sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin Euro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12) lis-sekwestrata milquta mill-mandat kawtelatorju in kwistjoni. Ir-rikorrenti sekwestrata qalet li l-mandat kawtelatorju numru 402/2023 jinkwadra ruħhu f'sensiela ta' atti u atti ġudizzjarji vessatorji u illegali maħsuba biex ifixkluha milli tikseb ġustizzja b'rabta mat-terminazzjoni tal-impjieg li hija kellha mal-Università ta' Malta, u spjegat li l-imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet premessi laqat b'mod għal kollox diżastruż il-ħajja ċivili tagħha, bi preġudizzju sostanzjali għaliha, u għalhekk jeżistu ċirkostanzi fejn il-Qorti għandha timponi s-sanzjonijiet massimi previsti mil-liġi.

4. L-intimat *nomine* wieġeb li t-talba tar-rikorrenti hija proċeduralment improponibbli, u għalhekk it-talbiet tagħha għandhom jiġu miċħuda mill-Qorti, stante li huma infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt. Qal li l-artikolu 836(8)

tal-Kap. 12 huwa maħsub biex jirregola d-dritt ta' persuna li tressaq rikors sabiex l-att kawtelatorju maħruġ kontra tagħha jiġi revokat, u l-istess artikolu jfisser kif inhu regolat il-proċess tat-talba għar-revoka, inkluż id-dritt tal-kontro-parti li tressaq risposta. Qal li huwa evidenti li l-Qorti tista' tikkundanna individwu għall-ħlas ta' penali biss jekk kemm-il darba tkun saret u jkun ġie segwit il-proċess tat-talba għar-revoka tal-mandat kawtelatorju, u l-liġi tippreskrivi b'mod inekwivoku ċ-ċirkostanzi fejn talba għandha titressaq b'rikors *ad hoc.* L-intimat *nomine* qal li t-talba li tista' tiressaq *ai termini* tas-sub-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 trid tkun anċillari għal u marbuta ma' talba għar-revoka tal-mandat kawtelatorju kif jipprovdi s-sub-artikolu (1) tal-istess artikolu. Qal ukoll li skont il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, talba għall-ħlas ta' penali dejjem ġiet meqjusa fl-istess rikors li kien qiegħed jittratta t-talba għar-revoka ta' mandat kawtelatorju *ai termini* tal-artikolu 836(1) tal-Kap. 12, għaliex ma tistax tiġi mposta penali qabel ma jiġi kkunsidrat jekk il-mandat għandux jiġi revokat jew le. Kompla jgħid illi li kieku l-liġi riedet li s-sekwestrat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih, jagħmel rikors *ad hoc* sabiex tiġi mposta penali skont is-sub-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 mingħajr ma ssir talba għar-revoka, il-liġi kienet tgħid dan speċifikament bl-istess mod kif qalitu fis-sub-artikoli l-oħra. Qal li s-sekwenza tas-sub-artikoli tal-artikolu 836 tal-Kap. 12, hija ċara, u waħda hija dipendenti fuq l-oħra.

5. L-intimat *nomine* sekwestrant eċċepixxa wkoll li t-talba tar-rikorrenti sekwestrata m'għandhiex tintlaqa' għaliex l-impożizzjoni ta' penali hija diskrezzjonali, u anki għaliex teżisti raġuni valida għalfejn ma saritx kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit mil-liġi. Qal li fi kwalunkwe każ, l-impożizzjoni ta' penali skont l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 hija diskrezzjonali. L-intimat *nomine* qal

li l-pretensjoni vvantata minnu fil-mandat kawtelatorju in kwistjoni hija marbuta ma' ammont allegatament dovut mir-rikorrenti bħala rifużjoni ta' somma mħallsa minnu b'mod addizzjonali u erronju fl-ammont ta' €1,750. Qal li apparti dawn il-ħlasijiet dovuti, skont l-artikolu 256(2) tal-Kap. 12, ir-rikorrenti sekwestrata għandha tħallas ukoll lill-Università ta' Malta l-ammont ta' elf u ħamsa u sebgħin euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€1,075.76) bħala spejjeż u drittijiet, flimkien mal-VAT fuq id-drittijiet, *ai termini* tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Ana Maria Obando Castellanos magħrufa bħala Ana Obando vs Rettur tal-Università ta' Malta et** mogħtija fl-24 ta' Jannar, 2024, u għal xi raġuni r-rikorrenti mhijiex tiġi notifikata bl-atti ippreżentati minnu, inkluż l-appell imsemmi, iżda però ssir taf bl-atti intavolati kontra tagħha, u taġixxi u twieġeb biss fejn hija jidhrilha li għandha twieġeb. L-intimat *nomine* qal li l-allegat aġir abbużiv għandu jirriżulta li huwa tar-rikorrenti stess, u huwa qiegħed f'sitwazzjoni fejn minħabba li l-atti kollha mressqa minnu mhumiex jiġu notifikati lir-rikorrenti, huwa qiegħed ibati spejjeż ulterjuri. L-intimat *nomine* qal li l-effett ta' ittra uffiċjali mhux notifikata lir-rikorrenti, ftit li xejn tista' tikkawża l-preġudizzju u l-ħsara li tissuġġerixxi li qiegħda ssofri r-rikorrenti. Qal ukoll li mill-mandat kawtelatorju in kwistjoni ma nstab xejn fil-kontijiet bankarji tar-rikorrenti. Żied jgħid li wieħed ma jistax jgħid li l-ammont pretiż fil-mandat kawtelatorju (€1,750) jista' jkollu xi effett negattiv fuq il-ħajja ċivili tar-rikorrenti. L-intimat *nomine* qal li huwa pproċeda bil-kawżi u bin-notifika ta' atti għall-irkupru ta' flus, iżda r-rikorrenti għal xi raġuni mhijiex tiġi notifikata b'dawn l-atti, u fil-fatt għandu dubji dwar jekk hija għadhiex residenti f'Malta. Qal ukoll li wara li ġie ppreżentat il-mandat kawtelatorju, huwa ma rkupra l-ebda assi jew flus, u l-proċedura tan-notifika ser twassal lill-intimat

*nomine* sabiex jinkorri aktar spejjeż għall-fini tan-notifika, bir-riżultat li dan ċertament ma jistax jirkupra dak li huwa dovut lilu. Qal li *ai termini* tal-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, il-Qorti għandha tiddeklina milli timponi penali għaliex ir-rikorrenti ma setgħetx issofri preġudizzju għaliex l-ammont in kwistjoni huwa wieħed żgħir, u bil-mandat kawtelatorju in kwistjoni ma ġew irkuprati l-ebda assi jew flus minn għandha. Qal li l-fatt li r-rikorrenti ma sofriet ebda preġudizzju, jirriżulta mill-fatt li hija lanqas ressqet talba għar-revoka tal-mandat, u fuq kollox ir-rikors tagħha tressaq aktar minn sena wara li ġew intavolati l-atti in kwistjoni. L-intimat *nomine* qal illi li kieku huwa minnu li ħajjet ir-rikorrenti ġiet milquta bil-mod diżastruż suġġerit minnha, din kienet taġixxi b'mod immedjat b'rikors għar-revoka tal-istess mandat, imma tali talba ma ġietx imressqa, u minflok ġiet ippreżentata talba għall-ħlas tal-penali. Qal li dan jindika li l-intenzjoni tar-rikorrenti mhijiex waħda ġenwina, iżda pjuttost hija waħda vendikattiva fil-konfront tal-ex-prinċipal tagħha, wara li l-impjieg tagħha ġie tterminat. L-intimat *nomine* saħaq li r-rikorrenti qiegħda tgawdi minn arrikkiment inġust minn fondi pubbliċi, u wara li t-talba tagħha għal tkeċċija inġusta ġiet miċħuda, u wara li qiegħda tirrifjuta li tħallas l-ispejjeż ġudizzjarji relattivi, ir-rikorrenti issa qiegħda titlob penali abbażi ta' allegazzjoni inveritiera li l-mandat in kwistjoni qed joħolqilha dannu meta la nqabdu flus u lanqas tressqet talba għar-revoka tal-istess mandat. L-intimat *nomine* żied jgħid li fl-istess waqt li r-rikorrenti tgħid li hija ma ġietx notifikata bl-ittra uffiċjali in kwistjoni, hija qiegħda tannetti kopja tal-imsemmi att mar-rikors tagħha, mingħajr ma ħadet l-ebda azzjoni sabiex twieġeb l-imsemmija ittra.

**Id-Digriet Appellat**

6. L-Ewwel Qorti tat id-digriet tagħha fit-8 ta' Lulju, 2024, fejn laqgħet it-talbiet tar-rikorrenti sekwestrata, u kkundannat lill-intimat *nomine* sekwestrant iħallasha penali fl-ammont ta' elf u mitejn Euro (€1,200) *ai termini* tal-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Digriet***

*1. F'din il-proċedura, ir-rikorrenti sekwestrata mhijiex qed tattakka l-validità tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in kwistjoni u titlob ir-revoka tiegħu abbażi ta' xi waħda mill-kawżali taħt l-Art. 836(1) tal-Kap. 12 iżda qiegħda minflok unikament tintavola talba għall-ħruġ ta' penali* ai termini *tal-Art. 836(8) tal-Kap. 12 li jiddisponi kif ġej:*

**836. (8) Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux anqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:**

**(a) Jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi;**

**(b) Jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed: iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat;**

**(c) Jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapaċità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew;**

**(d) Jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.**

*2. Ir-rikorrenti tisħaq illi l-Qorti għandha timponi penali fuq l-intimat għaliex dan naqas, mingħajr raġuni valida, li jagħmel il-kawża dwar it-talba tiegħu fiż-żmien stabbilit mil-liġi.*

*3. L-istorja riċenti bejn il-partijiet, kif dokumentata fl-atti ta' dan ir-rikors u kif irriżulta fit-trattazzjoni finali, turi illi permezz tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 402/2023 l-intimat* nomine *sekwestrant ried iqiegħed fiż-żgur pretensjoni ta' kreditu ta' €1,750 rappreżentanti ammont allegatament dovut lill-Università ta' Malta mir-rikorrenti bħala rifużjoni ta' somma żejda li hija kienet tħallset bi żball matul l-impjieg tagħha. Din il-pretensjoni ġiet dedotta fl-ittra uffiċjali ai termini tal-Art. 166A li ġiet ippreżentata kontestwalment mal-mandat. Dan seta' jsir bis-saħħa tal-Art. 833A tal-Kap. 12 li jiddisponi kif ġej:*

> **833A. Meta tiġi preżentata u konfermata bil-ġurament ittra uffiċjali skont l-artikolu 166A, jistgħu minnufih wara jiġu preżentati u konfermati bil-ġurament il-mandati kawtelatorji msemmijin fl-artikolu 830(1)(a), (b) u (d):**
>
> **Iżda meta tiġi preżentata dik l-ittra uffiċjali, ir-rikorrent għandu jippreżenta rikors ġuramentat jew rikors jew talba, skont il-każ, fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tal-preżentata ta' nota ta' kontestazzjoni sħiħa jew parzjali jew inkella fi żmien sittin ġurnata mid-data tal-ħruġ ta' mandat, jekk ma jkunx hemm nota ta' kontestazzjoni, skont liema data tiġi l-ewwel:**
>
> **Iżda wkoll ma jkun hemm l-ebda ħtieġa ta' rikors ġuramentat jew rikors jew talba, skont il-każ, f'każ li l-mandat kawtelatorju jiġi kkonvertit f'wieħed eżekuttiv jew jiġi mneħħi permezz ta' kontro-mandat.**

*4. Ir-rikorrenti qed torbot it-talba tagħha għall-impożizzjoni ta' penali taħt l-Art. 836(8) minħabba li wara li l-ittra baqgħet ma ġietx notifikata lilha (u ma ġietx ikkontestata minnha), l-intimat sekwestrant naqas milli jintavola kawża fiż-żmien stipulat mil-liġi ossia fi żmien sittin (60) ġurnata mid-data tal-ħruġ tal-mandat.*

*5. Huwa maqbul bejn il-partijiet u jirriżulta lill-Qorti minn aċċertament ulterjuri magħmula minnha fir-rigward ta' atti pubbliċi ppreżentati fir-Reġistru tal-Qrati Ċivili u Tribunali, illi:*

*1 Il-mandat kawtelatorju de quo nħareġ fit-13 ta' Frar, 2023 u ġie revokat fis-7 ta' Mejju, 2024 meta nħareġ kontromandat.*
*2 L-ittra uffiċjali ġiet ippreżentata fid-9 ta' Frar, 2023 u la ġiet notifikata, minkejja numru ta' tentattivi, u lanqas ma ġiet kontestata.*
*3 Il-kawża għall-ammont kawtelat baqgħet ma ġietx intavolata qabel ma ġie revokat il-mandat fis-7 ta' Mejju, 2024.*

*4 Fis-6 ta' Mejju, 2024 ġiet miftuħa kawża quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar mill-intimat kontra r-rikorrenti għall-istess ammont ta' €1,750 u għall-istess kawżali, filwaqt li fis-7 ta' Mejju, 2024 ġie ppreżentat mandat ta' sekwestru kawtelatorju ieħor in kawtela tal-istess ammont.*

*6. Ir-rikorrenti tisħaq illi l-mandat kawtelatorju de quo kien intiż biss bħala wieħed minn diversi atti ġudizzjarji vessatorji u illegali intiżi sabiex ifixxkluha "*milli tikseb ġustizzja in konnessjoni mat-terminazzjoni tal-impjieg tagħha da parti tal-Università ta' Malta" *u li l-effett tiegħu kien li jiġi "*kolpit b'mod għal kollox diżastruż il-ġestjoni tal-ħajja ċivili ... tal-esponenti ... bi preġudizzju sostanzjali għaliha."

*7. Fid-difiża tiegħu, l-intimat nomine qed jgħid qabel xejn illi (i) l-azzjoni tar-rikorrenti hija improponibbli proċeduralment għaliex skont hu din setgħet issir biss **flimkien** ma' talba għar-revoka tal-mandat u mhux waħedha, li (ii) kien hemm raġuni valida għaliex ma saritx il-kawża fiż-żmien stipulat mil-liġi u li (iii) fi kwalsiasi każ il-penali hija fakoltattiva u mhux tassattiva. Inoltre l-intimat jisħaq illi mhuwiex vera illi l-mandat tħalla fis-seħħ sabiex jikkreja preġudizzju għar-rikorrenti u fil-fatt din ma sofriet l-ebda danni billi ma kien instab xejn fil-kontijiet bankarji tagħha u lanqas assi susssegwentement għall-mandat.*

***Dwar jekk il-proċedura taħt l-Art. 836(8) tal-Kap. 12 tistax timxi waħedha***

*8. Fuq dan il-punt l-intimat jisħaq* inter alia *illi, "*wieħed ma jistax iqis l-impożizzjoni ta' penali qabel ma wieħed jikkunsidra jekk il-mandat għandux l-ewwel jiġi revokat ... Li kieku l-liġi riedet li l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jagħmel rikors ad hoc għall-impożizzjoni ta' penali skont is-sub-artikolu 8 (mingħajr ma ssir talba għar-revoka) kienet tgħid dan speċifikament bl-istess mod kif fissret fis-sub-artikoli l-oħra – ubi lex voluit dixit. Is-sekwenza tas-sub-artikoli fl-Artikolu 836 hija ċara u hija waħda dipendenti fuq l-oħra. Dan anki jirriżulta mill-fatt li d-dritt tal-esponenti li jressaq ir-risposta tiegħu huwa ai termini tas-sub-artikolu 3." *F'dan ir-rigward jgħid ukoll illi: "*Il-liġi tippreskrivi b'mod inekwivoku ċ-ċirkostanzi fejn talba għandha titressaq b'rikors ad hoc. Eżempju l-artikolu 836 (1) jisħaq li, "l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju". L-istess jista' jingħad fir-rigward tal-artikolu 836(9), fejn dan isostni li, "fil-każijiet li jaqgħu taħt is-sub-artikolu ta' qabel dan, il-qorti tista', meta jsirilha rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju." Huwa evidenti li dan ma jistax jingħad bl-istess mod għall-Artikolu 836(8), propju għaliex it-talba li tista' titressaq ai termini ta' dan is-sub-artikolu trid tkun anċillari għal u marbuta ma' talba għar-revoka kif inhu speċifikament provdut skont is-sub-artikolu 1 tal-istess artikolu." *Finalment jinsisti illi,* "fil-ġurisprudenza talba għall-ħlas ta' penali dejjem ġiet meqjusa

fl-istess rikors li kien qiegħed jittratta talba għal revoka ta' mandat ai termini tal-Art. 836(1)."

*9. Il-Qorti tqis li huwa minnu li huwa ferm insolitu illi talba għal impożizzjoni ta' penali taħt l-Art. 836(8) ma tkunx akkumpanjata ukoll minn talba għal revoka ta' mandat kawtelatorju. Madanakollu ma taqbilx illi b'analoġija mal-Art. 836(1) u (9), fejn il-leġislatur jagħmel referenza għal rikors li "jista'" jsir mid-debitur b'kuntrast mal-Art. 836(8) li ma jsemmi l-ebda rikors, wieħed għandu jinterpreta l-Art. 836(8) bħala li huwa dipendenti esklussivament fuq rikors li jsir* ai termini *tal-Art. 836(1). Ibda biex u proprju in omaġġ għall-prinċipju tal-massima ċitata mill-intimat* ubi lex voluit dixix, ubi noluit tacit*, li kieku l-leġislatur ried illi t-talba taħt l-art. 836(8) tal-Kap. 12 issir biss f'talba għar-revoka tal-mandat taħt l-Art. 836(1), dan kien jgħidu espressament u mhux* per via di presunzione. *Inoltre, bl-istess raġunament tal-intimat, jista' jingħad li darba waħda mill-kawżali taħt l-Art. 836(8) (ossia l-art. 836(8)(b) tagħmel referenza speċifika għall-kliem, "*jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju", *u darba l-ebda waħda mill-kawżali l-oħra taħt l-Art. 836(8) ma jagħmlu referenza għal tali talba, allura dan għandu jfisser ukoll illi huwa biss taħt l-Art. 836(8)(b) illi t-talba għall-impożizzjoni tal-penali trid issir ta' bilfors fir-rikors għar-revoka tal-mandat.*

*10. Jingħad ukoll mill-Qorti illi li kieku talba għal penali trid bilfors tkun akkumpanjata minn talba għar-revoka tal-mandat, dan ikun ifisser illi tali talba ma tkunx tista' titqies iżjed mill-Qorti jekk il-mandat innifsu jiġi revokat qabel jew wara d-digriet finali. Hija prassi madanakollu, pjuttost komuni, illi jew qabel jew waqt is-smigħ ta' talba għal revoka ta' mandat (flimkien ma' talba għall-impożizzjoni ta' penali) il-kreditur sua sponte jitlob u jottjeni l-ħruġ ta' kontromandat u dan* inter alia *sabiex possibilment ma tiġix imposta penali fuqu jew tal-anqas ikun hemm mitigazzjoni tagħha. Meta jiġri hekk il-Qorti invarjabbilment xorta tibqa' għaddejja bis-smigħ tar-rikors limitatament għat-talba tal-penali u mhuwiex il-każ li tkun trid tastjeni milli tkompli tieħu konjizzjoni tal-każ ġaladarba l-mandat ikun tneħħa fil-mori. Inċidentalment anke fil-kawża de quo l-mandat innifsu tneħħa mill-intimat fil-mori tal-proċedura ossia wara t-talba tiegħu li kienet ġiet milqugħa fis-7 ta' Mejju, 2024.*

*11. Il-Qorti tqis għalhekk illi tal-anqas fil-kawżali taħt l-Art. 836(8)(a), (ċ) u (d) m'hemm l-ebda ħtieġa illi r-rikorrent debitur jagħmel it-talba tiegħu flimkien ma' talba għar-revoka tal-mandat.*

*12. Dan kollu qed jingħad anke wara li l-Qorti fliet id-dibattiti parlamentari li ppreċedew id-dħul fil-liġi tal-Art. 836 bis-saħħa tal-Att XXIV tal-1995 liema dibattiti sfortunatament ma jixħtu l-ebda dawl fuq din il-kwistjoni.*

***Penali mitluba taħt l-Art. 836(8)(a) tal-Kap. 12***

*13. Kif ġa ngħad it-talba tar-rikorrenti hija biss dik illi l-intimat jiġi kkundannat iħallasha penali ta' bejn €1,164.69 u €6,988.12 peress illi huwa ma ppreżentax il-kawża kontriha fit-terminu preskritt mil-liġi u dan mingħajr ebda raġuni valida.*

*14. Dwar l-Art. 836(8) tal-Kap. 12 ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-digriet tagħha mogħti fl-ismijiet: "***<u>Carmel Farrugia et vs Charmaine Farrugia pro et noe</u>"** (660/2012 JRM, 2 ta' Awwissu, 2012):

> "Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltattiva. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi, iżda biżżejjed li tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-Artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap. 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjetà fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż."

*15. Bis-saħħa tal-Att XV tal-2008 u l-emenda sussegwenti tal-Att XII tal-2009, saret possibbli għal kreditur li jippreżenta ittra uffiċjali taħt l-art. 166A tal-Kap. 12 u li kontestwalment mal-istess ittra jippreżenta ukoll mandat ta' deskrizzjoni jew mandat ta' qbid kawtelatorju jew mandat ta' sekwestru kawtelatorju. Kif ġa ngħad però iktar 'il fuq, il-kreditur li jagħmel hekk huwa imbagħad marbut b'terminu strett sabiex jippreżenta l-kawża fil-mertu u fil-fatt għandu jagħmel dan f'dik id-data minn dawk segwenti li tiġi l-ewwel:*

1. *Fi żmien 20 ġurnata minn meta d-debitur jikkontesta (parzjalment jew bi sħiħ) l-ittra uffiċjali billi jippreżenta n-nota risponsiva, jew*
2. *Fi żmien 60 ġurnata mill-ħruġ tal-mandat, jekk ma jkunx hemm kontest-azzjoni.*

*16. Ġa ngħad ukoll illi l-kawża fil-mertu baqgħet ma ġietx intavolata fit-terminu prefiss.*

17. *Skont ir-rikorrenti dan sar sabiex jirrekala preġudizzju f'ħajjitha wara xi kwistjoni li kellhom bejniethom il-partijiet in konnessjoni ma' impjieg li ġie terminat. L-intimat jikkontesta dan u fil-fatt jgħid illi dik il-kwistjoni kienet diġà ġiet riżolta fl-appell u li l-mandat de quo sar sabiex jikkawtela somma dovuta lill-Università ta' Malta bħala* overpayment *li kien sar b'mod erronju lir-rikorrenti. Jgħid ukoll l-intimat illi żgur ma ġie kkawżat xi preġudizzju lir-rikorrenti billi fl-eżekuzzjoni tal-mandat ma kinux instabu assi jew flus li jappartjenu għaliha. F'dan ir-rigward imbagħad ir-rikorrenti saħqet li l-mandat kien sar proprju sabiex jiġi sekwestrat l-ammont ta' €1,750 imħallsa lilha mill-Università permezz ta' ċekk datat 8 ta' Frar, 2023, kopja ta' liema ċekk ġie ppreżentat in atti.*

18. *Il-Qorti qabel xejn tissenjala illi fil-kunsiderazzjoni tagħha dwar jekk kienx hemm raġuni valida 'l għala r-rikorrent ma għamilx il-kawża fiż-żmien preskritt, huma rrilevanti għal kollox il-kwistjonijiet dwar jekk il-mandat ġiex intavolat b'mod frivolu, malizzjuż jew vessatorju (xi ħaġa li tapplika biss għall-kawżali taħt l-Art. 836(8)(d) jew jekk ir-rikorrenti sofrietx xi preġudizzju jew danni bil-ħruġ tal-mandat (xi ħaġa li ma tapplika għall-ebda kawżali taħt l-Art. 836(8). Dan għandu jingħad ukoll għaliex kif ġie ddikjarat bosta drabi fil-ġurisprudenza tagħna, il-penali maħsuba taħt din il-proċedura hija waħda ta' ordni pubblika immirata li tiżgura serjetà fil-proċess ġudizzjarju u għalhekk ma għandha x'taqsam xejn mal-preġudizzju li parti jew oħra tista' ssofri bl-għemil tal-att ġudizzjarju.*

19. *L-intimat* nomine *jargumenta fir-risposta tiegħu illi kellu raġuni tajba 'l għala ma ppreżentax il-kawża fiż-żmien stipulat u dan għaliex (i) ir-rikorrent qatt ma ġiet notifikata bl-atti ġudizzjarji in kwistjoni minkejja diversi tentattivi u minkejja li hija konsapevoli tagħhom u għaliex (ii) mill-mandat in kwistjoni jirriżulta li ma nstab xejn fil-kontijiet bankarji tar-rikorrenti. Għalhekk skont hu, isaqsi: "*wieħed għandu jipproċedi b'kawżi u notifiki ta' atti għall-irkupru ta' flus meta jirriżulta li r-rikorrenti: (i) għal xi raġuni mhux tiġi notifikata b'diversi atti, tant li kien hemm (u għad hemm) dubju raġonevoli dwar jekk l-intimata fil-fatt għadhiex hawn Malta u f'dan ir-rigward l-esponenti jitlob li titressaq prova dwar jekk ir-rikorrent fil-fatt kinitx hawn Malta meta tressaq ir-rikors odjern, u dan ad validitatem ai termini tal-Artikolu 180(1)(a) tal-Kap. 12; (ii) ma jidher li hemm l-ebda assi jew flejjes li ġew irkuprati bil-mandat in kwistjoni; u (iii) il-proċediment tal-proċess ta' notifika ser iwassal lill-Università ta' Malta sabiex tinkorri iktar spejjeż għall-fini ta' notifika ċertament ser twassal għal sitwazzjoni fejn ma tistax tirkupra dak li hu dovut lilha lura?"

20. *Fit-trattazzjoni finali l-avukat difensur tal-intimat mar oltre minn hekk u ddikjara illi fil-fatt l-abbuż sar min-naħa tar-rikorrenti u li l-mandat tħalla fis-seħħ*

*sabiex meta finalment dan jibda jniggeż u jdejjaqha, din tkun sfurzata tavviċina lill-Università sabiex tħallas dak li allegatament huwa dovut minnha.*

*21. Tħares minn fejn tħares lejh dan l-argument tal-intimat huwa fallaċi għall-aħħar jekk mhux ukoll konferma tal-abbuż tal-proċedura li twettaq minnu.* ***L-unika soluzzjoni*** *għall-predikament li sab ruħhu fih l-intimat meta beda jgħaddi ż-żmien u beda jinduna illi, skont hu, ir-rikorrenti kienet qed tevita milli tiġi notifikata, kienet biss dik illi fuq inizjattiva tiegħu stess jitlob il-ħruġ tal-kontromandat relattiv. Altrimenti seta' biss jittenta illi javviċina lir-rikorrenti, tramite l-avukati rispettivi, sabiex b'mod konġunt jiddikjaraw permezz ta' rikors intavolat fl-atti tal-mandat illi jiġi estiż it-terminu sakemm il-partijiet jippruvaw jittransiġu. It-tħallija fis-seħħ tal-mandat għal aktar minn sena mill-ħruġ tiegħu – saħansitra għal aktar minn sena mill-ftuħ tal-proċedura odjerna – mingħajr ma ġiet intavolata kawża fil-mertu, tikkonsisti b'mod ċar f'abbuż tal-għodda tal-mandat kawtelatorju.*

*22. Mandat kawtelatorju jinħareġ bir-responsabbilità ta' min ikun talbu u l-Qorti tordna l-ħruġ ta' tali mandat prattikament mingħajr l-ebda indaġini fil-mertu. B'hekk huwa impellenti fuq kwalunkwe persuna li tikseb mandat kawtelatorju li ssegwi b'reqqa l-provvedimenti tal-liġi, xi ħaġa li ma seħħitx fil-każ odjern.*

*23. Fid-digriet fl-ismijiet* ***Av. Thomas Bugeja noe v. EveryyMatrix Ltd*** *(Rik. Nru. 120/2019 RGM, 28/03/2019) il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'kuntest fejn il-kawża infetħet wieħed u għoxrin jum wara li ħareġ il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju (ossia ġurnata waħda biss aktar mit-terminu stabbilit mil-liġi) qalet hekk:*

> "Huwa minnu illi t-terminu legali inqabeż b'ġurnata waħda biss. Huwa minnu wkoll illi dan mhux każ fejn wieħed ottjena l-ħruġ ta' mandat kawtelatorju imbagħad ittraskura u ma ppreżentax kawża jew ippreżentaha ġimgħat jew xhur wara. Iżda huwa minnu wkoll li dawn it-termini huma ta' ordni pubbliku u għandhom jiġu osservati ad unguem. Nonostante li l-paragrafu (a) tas-subartikolu 8 tal-Artikolu 836 jagħmel referenza għal "raġuni valida" is-sekwestrant ma jagħti ebda raġuni għal dan in-nuqqas, anke jekk huwa wieħed qasir …
> … il-Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt illi s-soċjetà sekwestrata ħalliet sitt xhur jgħaddu qabel ma talbet il-ħruġ tal-kontro-mandat relattiv u l-ħlas tal-penali ….
> … fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti qed tikkonkludi illi n-nuqqas tas-sekwestrant kien wieħed ta' negliġenza u mhux abbuż tal-proċedura. Din il-Qorti hija tal-fehma li hemm raġunijiet suffiċjenti sabiex is-sekwestrant jiġi kkundannat iħallas lis-soċjetà sekwestrata l-penali kif mitlub iżda din għandha tkun fil-minimu tagħha u ċioe ta' €1,164.69."

*24. Fid-digriet fl-ismijiet **<u>Instacoins Ltd v. Truevo Payments Ltd</u>** (Rik. Nru. 763/20RGM, 17/12/2020) intqal hekk mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kuntest ta' kawża li ġiet intavolata disat ijiem oltre mit-terminu prefiss:*

> "Jirriżulta mill-atti, u mhux ikkontestat, illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 970/20 inħareġ b'digriet tad-29 ta' Lulju, 2020 u għalhekk it-terminu ta' għoxrin jum li fih il-kawża fil-mertu kellha tiġi intavolata kien jagħlaq fit-18 ta' Awwissu, 2020. Il-kawża ġiet intavolata fis-27 ta' Awwissu, 2020. Is-soċjetà sekwestranti intimata f'dawn il-proċeduri ma tagħti l-ebda raġuni għaliex it-terminu legali ma ġiex rispettat. Tissottometti s-soċjetà sekwestranti illi l-Qorti m'għandhiex tirrevoka l-mandat peress li t-terminu legali inqabeż biss bi ftit jiem. Tissottometti wkoll illi l-Artikolu 836(1)(a) huwa intiż mhux sabiex jindirizza każijiet bħal dawk in eżami iżda qed jirreferi għal meta jinħareġ mandat kawtelatorju u s-sekwestrant jibqa' ma jsegwix b'kawża u lanqas jirtira l-mandat. Huwa minnu illi n-nuqqas ta' min jippreżenta kawża ftit jiem wara li jkun għalaq it-terminu ta' għoxrin jum mid-digriet li jordna l-ħruġ ta' mandat kawtelatorju mhux tal-istess gravità bħal meta, wara li jinħareġ mandat kawtelatorju, l-eżekutant ma jipproċedix sabiex jintavola kważa u lanqas jirtira l-istess mandat. Però dak li qed tissottometti s-soċjetà intimata ma jsibx konfort fil-liġi.
>
> Artikolu 834 tal-Kap. 12 ma jagħti lok għal ebda dubju dwar l-interpretazzjoni tiegħu. Sub-inċiż 1 jipprovdi tassattivament li rikorrent f'mandat kawtelatorju "għandu" jintavola l-kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat u dan fi żmien għoxrin jum mill-ħruġ tal-mandat. Tenut kont li l-liġi ta' proċedura hija liġi ta' ordni pubbliku, mhux konsentit illi tingħata interpretazzjoni wiesgħa. Għall-kuntrarju, hija regolata b'interpretazzjoni stretta in konformità ma' dak espress mil-leġislatur, anke għaliex liġijiet ta' ordni pubbliku jaspiraw lejn l-uniformità fl-applikazzjoni tal-liġi bħal dik li tirregola l-proċedura ġudizzjarja …
>
> … fil-fehma tal-Qorti jekk jirriżulta illi l-kawża ma ġietx ippreżentata fit-terminu legali mingħajr ebda raġuni tajba, id-diskrezzjoni mogħtija lill-Qorti ma hix jekk tordnax jew le penali iżda biss jekk tordnax il-minimu, jew il-massimu jew ammont x'imkien bejn il-minimu u l-massimu. Una volta jirriżultaw l-estremi kkontemplati fl-artikolu 836(8)(a) id-diskrezzjoni tal-Qorti tinstab biss fil-quantum tal-penali li l-Qorti għandha timponi. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma tqisx illi għandha timponi l-massimu u dan peress li rriżulta illi l-kawża fil-fatt ġiet ippreżentata mhux wisq wara li skada t-terminu legali … Għalhekk il-Qorti fiċ-ċirkostanzi ser timponi l-minimu tal-penali kontemplata fil-liġi."

*25. Il-Qorti tħoss illi fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern hemm każ ċar ta' ksur lampanti u abbuż tal-proċedura min-naħa tal-intimat u li dan ma kienx sempliċiment att ta' negliġenza min-naħa tiegħu.*

*26. Min-naħa l-oħra l-Qorti ma twelditx il-bieraħ u fid-diskrezzjoni li għandha sabiex tistabbilixxi l-penali dovuta lir-rikorrenti, ma tistax lanqas tinjora l-fatt daqstant ieħor ċar il-logħba noli li r-rikorrenti lagħbet u ilha tilgħab mill-bidu nett tal-proċeduri li taw lok għar-rikors odjern fis-sens illi tara kif tevita li tkun notifikata kif imiss bl-atti intavolati kontriha minkejja li kienet u hija pjenament konsapevoli tagħhom.*

***Il-preżenza tar-rikorrenti f'Malta meta ppreżentat ir-rikors odjern***

*27. Finalment il-Qorti osservat illi moħbija fir-risposta tiegħu r-rikorrent għoġbu jindika kważi* en passant *illi r-rikorrenti jeħtiġilha tressaq prova dwar jekk "*fil-fatt kinitx hawn Malta meta tressaq ir-rikors odjern, u dan ad validitatem ai termini tal-Artikolu 180(1)(a) tal-Kap. 12." *Għal kull buon fini, anke jekk din ma saritx fil-forma ta' eċċezzjoni, il-Qorti sejra tgħaddi biex tistħarreġ dan il-punt.*

*28. Il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna b'mod pjuttost konsistenti stabbiliet illi min jippreżenta kawża fil-Qrati Maltin irid ikun preżenti f'Malta meta jiftaħ tali kawża iżda mhux meħtieġ illi jibqa' preżenti f'Malta tul il-pendenza tal-proċeduri. (fn 3: espożizzjoni eċċellenti u analiżi mirquma tal-ġurisprudenza fuq din il-materja saret mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Novembru, 2020 fl-ismijiet:* **ESA Asset Management S.r.l. v. Solutions and Infrastructure Services Limited (App. Nr. 238/2018, Onor. Imħallef Grazio Mercieca).** *Inoltre l-art. 180(2) tal-Kap. 12 jipprovdi kif ġej:*

> **180. (1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 181, il-preżentata tal-iskritturi tista' ssir –**
> **(a) mill-parti stess li tidher fl-isem tagħha nfisha, jew mill-persuna li tidher bħala l-ġenitur tat-tfal taħt is-setgħa tiegħu ta' ġenitur, jew bħala tutur, kuratur, amministratur tal-komunjoni, esekutur, kap ta' dipartiment jew amministratur pubbliku ieħor, jew bħala prokuratur ta' knisja, xirka, sptar jew istituti piji, jew bħala ekonomu ta' proprjetà f'kawża, jew bħala soċju jew rappreżentant ta' ditta, jew bħala wieħed mill-persuni msemmija fis-sub-artikolu (2) tal-artikolu 181A fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta, jew bħala aġent jew rappreżentant ta' soċjetà oħra kkostitwita skont il-liġi, jew bħala prokuratur ta' persuni li jinsabu barra mill-Gżira ta' Malta jew ta' Għawdex, li fiha l-iskrittura tiġi ppreżentata;**
> **(b) minn prokuratur legali;**
> **(ċ) minn kull soċju ieħor ta' ditta kummerċjali li għaliha l-iskrittura tirreferixxi;**

**(d) minn axxendent, dixxendent tal-parti, ħuha jew oħtha, iz-ziju jew iz-zija, in-neputi jew in-neputija, kwalunkwe wieħed mill-ġenituri ta' kwalunkwe mill-konjugi, kwalunkwe wieħed mill-konjugi tal-ulied, wieħed mill-konjugi, li jkunu għal daqshekk maħtura bħala prokuraturi mill-parti li tidher u li l-firma tagħha hija kontronsenjata skont is-subartikolu (2) tal-artikolu 634;**
**(e) minn kull min ikun parti fil-kawża ma' ħaddieħor;**
**(f) minn avukat, jekk l-iskrittura li għandha tiġi ppreżentata f'waħda mill-qrati inferjuri, jew fil-Qorti tal-Appell fil-każijiet ta' appell minn sentenzi tal-qrati inferjuri."**

*29. Issa għalkemm l-intimat fir-risposta tiegħu sostna illi r-rikorrenti jeħtiġilha tressaq prova dwar jekk fil-fatt kinitx hawn Malta meta ppreżentat ir-rikors, il-Qorti tqis illi r-rikorrent ma kellha l-ebda obbligu li tagħmel dan u semmai la darba kien l-intimat li implika li dan ma kienx il-każ, l-oneru tal-prova kellu jiġi spartit fuqu sabiex jipprova tali allegazzjoni. Bil-maqlub ta' dan, ma sar l-ebda tentattiv mill-intimat matul is-smigħ tal-każ sabiex imqar tittella' r-rikorrenti tixhed fuq dan il-punt.*

*30. Fi kwalunkwe każ din il-Qorti mhijiex konvinta illi li kieku tressqet prova li r-rikorrenti ma kinitx preżenti fil-ftuħ tal-kawża, dan kien ikun ifisser illi r-rikorrenti kellha ħtieġa tkun rappreżentata minn kuratur fil-mument tal-istess ftuħ. Dan jingħad għaliex l-Art. 180(1) ma jitkellimx dwar min jista' jew ma jistax* ***jagħmel*** *kawża (xi ħaġa per eżempju li tipprovdi l-liġi fl-Art. 1866 tal-Kap. 16 fejn tindika illi l-mandatarju ma jistax joqgħod fil-kawża, bħala attur jew konvenut, fl-isem tal-mandant, għalkemm dan ikun tah din is-setgħa, meta l-mandant innifsu ma jkunx nieqes mill-gżira li fiha l-kawża għandha ssir) iżda tipprovdi għal min jista'* ***jippreżenta*** *fir-Reġistru l-iskritturi ġudizzjarji inkluż ir-rikors li permezz tiegħu tinfetaħ kawża. Issa mill-atti jidher illi r-rikors promutur ġie ppreżentat minn avukat u prokuratur legali, xi ħaġa li tista' ssir* ai termini *tal-Art. 180(1)(b) u (f) u għalhekk il-Qorti ma taqbilx mal-intimat meta jgħid illi huwa meħtieġ* ad validitatem ai termini *tal-Artikolu 180(1)(a) tal-Kap. 12 li r-rikorrenti tipprova li ppreżentat din il-kawża waqt li kienet Malta."*

## **L-Appell**

7. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fil-25 ta' Lulju, 2024, fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

> *"... tilqa' l-aggravji hekk kif imressqa mill-esponenti, tirrevoka d-digriet fl-ismijiet premessi deċiż nhar it-8 ta' Lulju, 2024 u dana taħt kull provvediment ieħor li dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell jidhrilha li hu xieraq u opportun."*

8. L-appellant ibbaża r-rikors tal-appell tiegħu fuq żewġ aggravji ewlenin: (i) l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel interpretazzjoni korretta tal-artikolu 836(8) tal-Kap. 12; (ii) l-Ewwel Qorti naqset milli tqis li l-impożizzjoni ta' penali hija diskrezzjonali.

9. L-appellata laqgħet għal dan ir-rikors tal-appell billi tat ir-retroxena tal-fatti li wassluha biex ressqet ir-rikors tagħha quddiem l-Ewwel Qorti. L-appellata qalet ukoll li l-appell interpost mill-appellant huwa null u mingħajr ebda effett fil-liġi, għaliex m'hemmx dritt ta' appell mid-deċiżjoni li tat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bid-digriet tat-8 ta' Lulju, 2024, u dan għaliex l-Ewwel Qorti ma tat l-ebda sentenza jew sentenza parzjali, iżda tat biss digriet. L-appellata għamlet riferiment għall-artikolu 836(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u qalet li digriet bħal dak mogħti mill-Ewwel Qorti għandu jkun finali u irrevokabbli. Qalet ukoll li l-fatt li l-artikolu 836(8) huwa sieket, ma jfissirx li l-leġislatur jagħti dritt ta' appell minn digriet mogħti fuq l-iskorta ta' dan l-artikolu. Hawnhekk l-appellata ċċitat każistika tal-Qrati tagħna fejn ġie stabbilit li l-metodu ta' kontestazzjoni ta' digrieti bħal dak mogħti mill-Ewwel Qorti, ma jinkludix id-dritt ta' appell. L-appellata qalet li wara l-emendi għall-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li ddaħħlu fis-seħħ fl-1995, id-dritt ta' appell minn digrieti ġie regolat bl-artikolu 229 tal-istess Kodiċi. Spjegat li d-distinzjoni li jagħmel l-artikolu 229 tal-Kap. 12 mhijiex bejn digrieti interlokutorji u dawk definittivi, iżda biss bejn digrieti li ma jistax isir appell minnhom jekk mhux flimkien ma' appell mis-sentenza definittiva, u digrieti li jista' jsir appell

minnhom qabel is-sentenza definittiva, u digrieti residwali li jista' jsir appell minnhom qabel is-sentenza definittiva biss bil-permess speċjali tal-Qorti. Qalet li d-digrieti li jissemmew fl-artikolu 229(1) u (2) tal-Kap. 12 huma kollha 'interlokutorji' għaliex ebda wieħed minnhom ma jaqta' l-kwistjoni definittivament, filwaqt illi l-artikolu 229(3) tal-Kap. 12, li joħloq il-kategorija ta' digrieti 'residwali', jirregola l-appelli minn kull digriet interlokutorju ieħor. Qalet li għalhekk l-artikolu 229 tal-Kap. 12 jagħti dritt ta' appell biss minn digrieti interlokutorji, u ċertament li ma jagħtix dritt ta' appell minn digriet bħal dak li jifforma l-mertu ta' dan l-appell.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

*L-Ewwel Aggravju:* *[L-appellata ma setgħetx tagħmel talba għall-ħlas ta' penali taħt l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 mingħajr ma titlob ukoll ir-revoka tal-mandat]*

10. L-appellant qal li mhuwiex kontestat li l-proċedura quddiem l-Ewwel Qorti saret abbażi tas-sub-artikolu 836 (8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u li dan l-artikolu jipprovdi proċedura dettaljata ta' kif persuna tista' tressaq rikors sabiex l-att kawtelatorju relattiv jiġi revokat. Qal li l-istess artikolu jirregola l-proċess għat-talba tar-revoka, inkluż id-dritt tal-kontro-parti li tressaq risposta. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti naqset milli tqis il-mod kif inhu miktub l-artikolu 836 tal-Kap. 12, u li l-kundanna għall-ħlas ta' penali tista' ssir biss jekk kemm-il darba tkun saret u jkun ġie segwit il-proċess għar-revoka tal-mandat kawtelatorju. Qal li dan jagħmel sens iktar u iktar fid-dawl tal-fatt li fil-każ odjern il-penali qiegħda tintalab minħabba allegat preġudizzju soffert, u għalhekk sabiex jitneħħa l-preġudizzju, l-ewwel nett irid jitneħħa l-mandat kawtelatorju

relattiv. L-appellant iċċita l-artikolu 836(1) u l-artikolu 836(9) tal-Kap. 12, u qal li huwa ma jaqbilx mal-Ewwel Qorti meta din skartat il-punt tiegħu abbażi tal-prinċipju *ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacit.* Qal li l-Ewwel Qorti għamlet riferiment għall-artikolu 836(8)(b) tal-Kap. 12, li jgħid *"jekk fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju",* u qalet li dan ifisser li huwa biss l-artikolu 836(8)(b) tal-Kap. 12 li jesiġi li t-talba għall-impożizzjoni ta' penali ssir bilfors fir-rikors għar-revoka tal-mandat. Qal li l-kliem iċċitat mill-artikolu 836(8)(b) tal-Kap. 12 jirrafferma l-pożizzjoni tiegħu, peress li dan is-subartikolu joħloq distinzjoni bejn il-kliem 'talba' u 'rikors', u qal li wieħed ma jistax iqis l-impożizzjoni ta' penali qabel wieħed jikkunsidra l-ewwel jekk il-mandat għandux jiġi revokat. Qal li dan huwa evidenti anki minn ġurisprudenza tal-Qrati tagħna fejn it-talba għall-ħlas ta' penali dejjem ġiet meqjusa fl-istess rikors li kien qiegħed jittratta t-talba għar-revoka ta' mandat *ai termini* tal-artikolu 836(1) tal-Kap. 12. L-appellant qal li huwa ngħata l-opportunità li jressaq ir-risposta tiegħu *ai termini* tal-artikolu 836(3) tal-Kap. 12, liema artikolu jirregola kif għandhom jitressqu risposti għal rikorsi intavolati *ai termini* tal-artikolu 836(1) tal-Kap. 12. Qal li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra dan sabiex tqis li talba *ai termini* tas-sub-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tista' titressaq biss meta din tkun anċillari għal u marbuta ma' talba għar-revoka, kif inhu speċifikament ipprovdut fis-sub-artikolu (1) tal-istess artikolu. L-appellant saħaq li għal din ir-raġuni, ir-rikors imressaq mill-appellata huwa improponibbli.

11. L-appellata qalet li bil-promulgazzjoni tal-Att XXIV tal-1995, l-artikolu 836(9) tal-Kap. 12 jindika dawk il-każijiet *ad hoc* fejn persuna tista' tagħmel talba kontra l-persuna li fuq talba tagħha jkun inħareġ mandat kawtelatorju, sabiex iħallas id-danni li dik il-persuna setgħet ġarrbet bil-ħruġ tal-mandat, u ċ-

ċirkostanzi huma dawk elenkati fis-sub-artikoli (8) u (9) tal-istess artikolu. Qalet li l-kawżali tagħha hija bbażata fuq il-fatt li l-appellant naqas milli jiddeduċi l-pretensjonijiet tiegħu kif kawtelati b'mandat ta' sekwestru kawtelatorju, permezz ta' kawża entro t-termini perentorji stabbiliti bil-liġi. L-appellata qalet li l-appellant *nomine* talab u kiseb il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju għall-ammont ta' €1,750, li huwa jgħid li huwa dovut in rifużjoni ta' somma imħallsa minnu lilha b'mod erronju. Qalet li ma saret ebda kawża konsegwenzjali għal dan il-mandat fit-terminu previst fl-artikolu 833A tal-Kap. 12, u l-appellant baqa' ma neħħiex l-effetti tal-istess mandat. Qalet li l-appellant *nomine* mhuwiex ikunu leali meta jgħid li talba *ai termini* tal-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tista' titressaq biss meta din tkun anċillari għal u marbuta ma' talba għar-revoka ta' mandat kawtelatorju kif jipprovdi s-sub-artikolu (1) tal-istess artikolu. Qalet li r-rekwiżit ta' talba għal revoka ta' mandat kawtelatorju skont is-sub-artikolu (1) tal-istess artikolu, hija marbuta biss mal-każ imsemmi taħt is-sub-artikolu 836(8)(b) tal-Kap. 12, u t-talba tagħha m'għandha x'taqsam xejn mal-possibilitajiet imsemmija taħt l-imsemmi sub-inċiż. Qalet ukoll li minkejja li s-sub-artikolu (b) tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 jipprovdi li għandha ssir talba mill-konvenut għat-tneħħija tal-mandat kawtelatorju, fil-każijiet ikkontemplati fl-tal-artikolu 836(a) u (d) tal-Kap. 12, m'hemm l-ebda ħtieġa li ssir talba bħal din.

12. Il-Qorti sejra fl-ewwel lok tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-eċċezzjoni mressqa mill-appellata, li appell minn digriet bħal dak mogħti mill-Ewwel Qorti fit-8 ta' Lulju, 2024, mhuwiex proponibbli. Il-Qorti tirrileva li d-digriet in kwistjoni mhuwiex wieħed interlokutorju, għaliex dan id-digriet ma kienx maħsub biex jirregola l-andament tal-kwistjoni li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti, imma kien digriet maħsub sabiex jaqta' l-kwistjoni definittivament.

L-Ewwel Qorti ddeċidiet tajjeb jew ħażin li l-appellant għandu jħallas lill-appellata penali, għaliex il-mandat kawtelatorju li sar mill-appellant tħalla fis-seħħ u ma ġiex segwit b'kawża kontra l-appellata fi żmien sittin ġurnata mid-data tal-ħruġ tal-mandat. Id-digriet appellat għalhekk kien maħsub biex jiddetermina u jaqta' darba għal dejjem il-kwistjoni dwar jekk l-appellata għandhiex dritt għall-ħlas tal-penali pretiża minnha, u mal-ebda kwistjoni oħra. Dan ifisser li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 229 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bl-ebda mod ma jinċidu fuq l-appellabilità tad-digriet mogħti mill-Ewwel Qorti.

13. Jifdal għalhekk li din il-Qorti tistħarreġ l-eċċezzjoni tal-appellata taħt l-artikolu 836(5) tal-Kap. 12, li jipprovdi kif ġej:

> "(5) Ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu (1), u dan id-digriet ikun finali u irrevokabbli; u barra l-każ kontemplat fis-subartikolu (1)(a) ebda att kawtelatorju bħal dak ma jista' jinħareġ biex jiggarantixxi l-pretensjoni kontra l-persuna li kontriha l-att kawtelatorju hekk revokat ikun inħareġ, kemm-il darba fir-rikors għall-ħruġ ta' dak l-att kawtelatorju bħal dak ir-rikorrent ma jiddikjarax li jkunu nqalgħu ċirkostanzi minn meta ġie revokat l-att kawtelatorju ta' qabel, li jiġġustifikaw il-ħruġ ta' att kawtelatorju ġdid bħal dak li jkun ġie revokat, u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom, ma' dan, japplikaw għal dak l-att kawtelatorju maħruġ mill-ġdid bis-saħħa ta' dan ir-rikors."

14. Il-kliem tal-liġi huwa ċar. Is-sub-artikolu 836(5) tal-Kap. 12 huwa maħsub biex jirregola digrieti li jilqgħu talba tal-parti intimata għar-revoka tal-mandat li jkun inħareġ kontra dik il-persuna fejn jissussistu ċ-ċirkostanzi kkontemplati fis-sub-artikolu (1) tal-artiklu 836 tal-Kap. 12:

> "(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-

qorti li tkun qiegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

(a) Li l-att kawtelatorju m'għadux aktar fis-seħħ;
(b) Li waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;
(c) Li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew
(d) Jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew
(e) Jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed; jew
(f) Jekk jintwera fiċ-ċirkostanzi li ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."

15. Imma ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern huma differenti. Ir-rikors tal-appellata quddiem l-Ewwel Qorti ma sarx biex jiġi rrevokat l-mandat kawtelatorju maħruġ kontra tagħha, iżda sar biss sabiex l-appellant *nomine* iħallasha penali wara li naqas milli jsegwi l-ħruġ tal-mandat kawtelatorju b'kawża kontra l-appellata. Ċertament għalhekk li ma jistax jingħad li d-digriet mogħti mill-Ewwel Qorti b'xi mod jinkwadra ruħhu fil-parametri tal-artikolu 836(5) tal-Kap. 12, għaliex dan mhux il-każ, u għalhekk il-Qorti sejra twarrab din l-eċċezzjoni sollevata mill-appellata kompletament, u sejra tgħaddi biex tikkunsidra l-aggravji sollevati mill-appellant *nomine* fil-mertu.

16. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta laqgħet it-talba tal-appellata għall-ħlas ta' penali, u dan għaliex talba għall-ħlas ta' tali penali hija anċillari għal u marbuta ma' talba għar-revoka tal-mandat kawtelatorju fis-seħħ. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li ġie deċiż minn din il-Qorti kif preseduta fil-proċeduri fl-ismijiet **L-**

**Avukat Dr Peter Caruana Galizia et *v.* L-Avukat Dr Joseph Gerada** fil-5 ta' Frar, 2025:

> *"Fil-*margin note *tal-artikolu 836 tal-Kap. 12, fil-fatt hemm l-intestatura 'Kontro-Mandat', li jfisser li dan l-artikolu tal-liġi huwa maħsub biex jirregola l-kontro-mandati, jew aħjar kif jistipula s-sub-artikolu (1) tiegħu, talba għal revoka totali jew parzjali tal-mandat kawtelatorju li jkun inħareġ, għal xi waħda mir-raġunijiet stipulati fis-sub-inċiżi (a), (b), (ċ) jew (d) tiegħu. Fil-każ preżenti jirriżulta li l-kontro-mandati opportuni kienu nħarġu ftit jiem wara li l-flus milquta mill-effetti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, ġew iddepożitati taħt l-awtorità tal-Qorti mill-eżekutata, u għalhekk ma kienx għad hemm il-ħtieġa li l-effetti tal-mandati ta' sekwestru kawtelatorju jibqgħu fis-seħħ. Il-Qorti tirrileva li s-sub-inċiżi tal-artikolu 836 tal-Kap. 12, huma kollha maħsuba sabiex jirregolaw x'għandu jsir fil-kuntest ta' talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat, inkluż għalhekk l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, li jistipula f'liema kuntest tista' ssir talba għall-ħlas ta' penali lill-persuna li kontra tagħha jkun inħareġ mandat kawtelatorju. Ladarba l-mandat kawtelatorju ma kienx għadu fis-seħħ, il-Qorti tqis li l-appellati ma setgħux jipproċedu b'azzjoni għall-ħlas ta' penali taħt l-artikolu tal-liġi li jirregola t-talbiet tal-parti eżekutata biex l-effetti tal-mandat jiġu revokati kompletament jew parzjalment."*

17. Il-Qorti hija tal-fehma li dak deċiż minnha fid-deċiżjoni appena ċċitata, jgħodd għal kollox għall-proċeduri odjerni. L-appellata ma setgħetx tressaq talba quddiem l-Ewwel Qorti għal-likwidazzjoni ta' penali favur tagħha, mingħajr ma kontestwalment tiġi ppreżentata wkoll talba għar-revoka tal-mandat kawtelatorju. Jirriżulta wkoll li wara li l-appellata istitwiet il-proċeduri in kwistjoni, il-mandat kawtelatorju in kwistjoni ġie revokat fis-7 ta' Mejju, 2024, għalkemm fl-istess ġurnata ġie ppreżentat mandat ta' sekwestru kawtelatorju ieħor in kawtela tal-istess ammont wara li l-appellant *nomine* fetaħ proċeduri kontra l-appellata quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar. Fil-każ odjern l-Ewwel Qorti osservat li huwa *'ferm insolitu'* li talba sabiex tiġi mposta penali taħt l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, ma tkunx saret kontestwalment flimkien ma' talba għar-revoka ta' mandat kawtelatorju, imma ddeċidiet li t-talba għall-ħlas tal-

penali tista’ tiġi proposta u tista’ tibqa’ miexja anki f’dawk il-każijiet fejn il-mandat kawtelatorju jkun ġie revokat jew irtirat mill-parti li tkun talbitu. Din il-Qorti tqis li l-artikolu 836 tal-Kap. 12 kollu kemm huwa intiż sabiex jirregola l-kontro-mandati, u għalhekk kull talba li ssir taħt is-sub-inċiżi tiegħu, għandha ssir fil-kuntest ta’ talba għar-revoka ta’ mandat kawtelatorjiu li jkun fis-seħħ, u mhux għaliha waħedha. Huwa biss f’dawk l-istanzi li jaqgħu fil-parametri tas-sub-artikolu 836(9) tal-Kap. 12 li l-leġislatur jikkontempla proċedura *ad hoc* għall-ħlas ta’ danni in konsegwenza għall-ħruġ ta’ mandat kawtelatorju. Imma anki hawnhekk, it-talba għad-danni għandha ssegwi t-talba għall-ħruġ tal-kontro-mandat, u mhux issir f’vakwu jew f’ċirkostanzi fejn il-mandat kawtelatorju m’għadux fis-seħħ. In vista ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti sejra tilqa’ l-ewwel aggravju tal-appellant *nomine*, u tiddeċiedi li t-talba kif proposta mill-appellata quddiem l-Ewwel Qorti, mhijiex proponibbli.

*It-Tieni Aggravju:* *[Il-ħlas tal-penali hija miżura fakoltattiva. Il-Qorti għandha tagħmel indaġini jekk fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-penali hijiex mistħoqqa]*

18. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, l-appellant *nomine* jikkontendi li l-Ewwel Qorti naqset milli tqis li l-impożizzjoni tal-penali kkontemplata fl-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 hija diskrezzjonali. Qal li fil-konsiderazzjonijiet tad-deċiżjoni appellata, l-Ewwel Qorti minkejja li ċċitat ġurisprudenza fejn ingħad li l-impożizzjoni ta’ penali hija *‘sanzjoni fakoltattiva’,* il-Qorti donnha qieset li fatturi bħal jekk hemmx raġuni valida għalfejn l-appellant *nomine* sekwestrant m’għamilx il-kawża fiż-żmien preskritt, jew jekk ir-rikorrenti sekwestrata sofrietx xi preġudizzju jew danni bil-ħruġ tal-mandat, huma irrilevanti għaliex il-

penali hija parti minn proċedura ta' ordni pubblika immirata sabiex tiżgura is-serjetà tal-proċess ġudizzjarju. L-appellant *nomine* qal li huwa ma jaqbilx mal-kunsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti għaliex is-sub-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 jipprovdi illi *'il-Qorti tista' tikkundanna'* u mhux *'għandha'.* Qal li huwa evidenti għalhekk li l-liġi trid li Qorti li tiġi ppreżentata b'talba *ai termini* tal-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, tistħarreġ il-fattispeċi tal-każ qabel tqis jekk għandhiex timponi penali. Imma fil-każ odjern l-Ewwel Qorti ddeċidiet li ladarba l-kawża relattiva ma ġietx ippreżentata fit-terminu prefiss mill-liġi, il-penali kellha tapplika b'mod awtomatiku. Qal li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tqis in-nuqqasijiet tal-appellata għall-finiijiet biss sabiex tara kemm għandha tkun il-penali, iżda dawn il-kunsiderazzjonijiet kellhom jitqiesu sabiex jiġi determinat jekk għandhiex tiġi imposta penali jew le. Qal li huwa sostna li l-appellata ma sofriet l-ebda preġudizzju, partikolarment meta wieħed iqis li l-ammont huwa wieħed żgħir, u li ma ntlaqtu l-ebda assi jew flus li jappartjenu lill-appellata sekwestrata. Qal li l-ikbar konferma li l-appellata ma sofriet l-ebda preġudizzju jirriżulta mill-fatt li r-rikors mertu tal-appell odjern sar aktar minn sena wara li ġie ippreżentat il-mandat kawtelatorju in kwistjoni, u fuq kollox ir-rikors odjern ma fih l-ebda talba sabiex il-mandat kawtelatorju jiġi revokat. Qal li agħar minn hekk, irriżulta li l-abbuż tal-proċeduri tal-Qrati sar mill-appellata, għaliex kull att ġudizzjarju li l-appellant ipprova jinnotifikaha bih, ma setax jiġi notifikat. Qal li għalhekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex tasal għall-konklużjoni li għamel l-appellant *nomine 'ma kienx sempliċiment att ta' negliġenza min-naħa tiegħu'*, u li għalhekk kellha tiġi imposta l-penali *ai termini* tal-artikolu 836(8) tal-Kap. 12.

19. L-appellata qalet li l-Ewwel Qorti kellha raġun fl-interpretazzjoni tagħha. Spjegat li mandati kawtelatorji għandhom skop preċiż, u jintużaw biex jiġu

salvagwardjati l-interessi ta' min jitlob il-ħruġ tagħhom. L-appellata għamlet riferiment għal diversi deċiżjonijiet tal-qrati tagħna, u spjegat li fejn l-appellant, xjentement jew bi traskuraġni, jonqos milli jippreżenta kawża fuq il-mertu sabiex isostni l-mandat kawtelatorju ppreżentat minnu fit-terminu preskritt mil-liġi, iż-żamma fis-seħħ tal-mandat kawtelatorju għandha titqies bħala att vessatorju li jiġġustifika l-impożizzjoni ta' penali taħt l-artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12. L-appellata qalet li l-appellanti qegħdin iħalltu l-kunċett tal-ordni pubbliku mal-kunċett tad-danni li jsofri debitur konsegwenza ta' mandat kawtelatorju, u l-leġislatur għamel distinzjoni bejniethom it-tnejn kif rifless fl-artikolu 836(8) u (9) tal-Kap. 12. L-appellata saħqet li din il-qorti ta' reviżjoni m'għandhiex tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-fatti u tal-provi li diġà sar mill-Ewwel Qorti, u għalhekk ikkonkludiet li r-rikors tal-appell tal-appellant għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

20. In vista tal-fatt li din il-Qorti diġà ddeċidiet li l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant *nomine* għandu jiġi milqugħ, u għalhekk m'hemm l-ebda penali li għandha titħallas lill-appellata, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-aggravju.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-appell billi tilqa' l-ewwel aggravju, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni aggravju, b'dan illi d-digriet tal-Ewwel Qorti tat-8 ta' Lulju, 2024 qiegħed jiġi revokat fl-intier tiegħu.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewg istanzi, għandhom ikunu a karigu tal-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**